

Brussell, 17 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13634/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0188 (COD)**

**CODEC 1465
TRANS 441
ENV 963
FIN 1164**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 1999/62/KE fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu li fih il-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet jistgħu jibbenefikaw minn rati mnaqqsa b'mod sinifikanti ta' tariffi għall-infrastruttura jew għall-utent jew minn eżenzjonijiet biex jiġihallu (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fis-27 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 91(1) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Settembru 2025².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
4. Fis-7 ta' Ottubru 2025, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni³. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet li jaċċettaw il-proposta tal-Kummissjoni u, għalhekk, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

¹ 10936/25.

² Għadha mhijiex ippubblikata fil-ĠU.

³ 13629/25.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 37/25, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
